MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 645/2010

**Emilio Agius**

**vs**

**Jonathan Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li jithallas is-somma ta' elfejn, tliet mija u tletin Ewro (€2,330.00) bilanc dovut lilu mill-konvenut tal-prezz ta' apparat li gie mibjugh mill-attur lill-istess konvenut; bl-ispejjez, komprizi dawk ta' zewg ittri legali u ta' l-ittra ufficjali (art. 166° tal-Kap 12) bin-numru 5205/09 u datata l-25 ta' Settembru, 2009, u tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 1443/10, u bl-imghax legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi

hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-apparat in kwistjoni li gie mibjugh mill-attur lill-konvenut ma kienx tal-kwalita' pattwita u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut ikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, naqas milli jidher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn tliet mija u tletin Ewro (€2,330.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------